

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 10.12.2010
KUMM(2010) 729 finali

2010/0349 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar mezzi tal-ibbrejkjar ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija

(Kodifikazzjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Fl-isfond ta' Ewropa tal-poplu, il-Kummissjoni tagħti importanza kbira lis-simplifikazzjoni u liċ-ċarezza tal-liġi tal-Unjoni sabiex tkun iktar ċara u iktar aċċessibbli għaċ-ċittadini u b'hekk toffrilhom opportunitajiet ġodda u ċ-ċans li jagħmlu użu mid-drittijiet speċifiċi li tagħtihom.

Ma jistax jintlaħaq dan il-għan sakemm il-bosta dispożizzjonijiet li ġew emendati ħafna drabi, spiss b'mod sostanzjali, jibqgħu mferrxin bejn l-att oriġinali u atti sussegwenti li jemendaw l-att oriġinali. Hemm bżonn għalhekk ta' xogħol ta' riċerka konsiderevoli li jqabbel ħafna atti differenti ma' xulxin sabiex jiġu identifikati r-regoli attwalment fis-seħħ.

Għalhekk huwa essenzjali li ssir kodifikazzjoni ta' regoli li ġew emendati ta' sikwit sabiex il-liġi tkun ċara u trasparenti.

2. Fl-1 ta' April 1987 il-Kummissjoni ddeċidiet¹ li tordna lill-persunal tagħha li kull att għandu jiġi kkodifikat wara mhux iktar minn għaxar emendi, filwaqt li enfasizzat li din hija kundizzjoni minima u li d-dipartimenti għandhom jippruvaw jikkodifikaw it-testi li huma responsabbli għalihom anke f'intervalli iqsar biex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet tagħhom ikunu ċari u jinftiehm malajr.

3. Il-Konklużjonijiet tal-Preidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Edinburgu (Diċembru 1992) ikkonfermaw dan², filwaqt li saħqu fuq l-importanza tal-kodifikazzjoni għaliex tagħti ċertezza f'dak li jirrigwarda l-liġi applikabbli għal materja partikolari f'mument partikolari.

Il-kodifikazzjoni għandha ssir f'konformità sħiħa mal-proċedura normali għall-adozzjoni ta' atti tal-Unjoni.

Billi l-ebda bidla sostanzjali ma tista' ssir lill-atti li jiġu kkodifikati, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu, permezz ta' ftehim interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994, li tista' tintuża proċedura mgħaġġla għall-adozzjoni rapida ta' atti ta' kodifikazzjoni.

4. L-għan ta' din il-proposta huwa li ssir il-kodifikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 76/432/KEE tas-6 ta' April 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati ma' l-mezzi ta' l-ibbrejkjar ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija³. Id-Direttiva l-għdida tissostitwixxi d-diversi atti inkorporati fiha⁴; din il-proposta żżomm il-kontenut kollu tal-atti li qed jiġu kkodifikati u għalhekk kulma tagħmel huwa li tgħaqqadhom filwaqt li tagħmel biss l-emendi formali meħtieġa mill-eżerċizzju ta' kodifikazzjoni nnifsu.

¹ COM(87) 868 PV.

² Ara l-Anness 3 għall-Parti A tal-Konklużjonijiet.

³ Magħmula skont il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Kodifikazzjoni tal-*Acquis Communautaire*, COM(2001) 645 finali.

⁴ Ara l-Anness VI, Parti A, għal din il-proposta.

5. Il-proposta ta' kodifikazzjoni tħejjiet abbażi ta' konsolidazzjoni preliminari, fi 22 lingwa uffiċjali, tad-Direttiva 76/432/KEE u tal-atti li jemendawha, magħmula mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, permezz ta' sistema ta' pproċessar ta' dejta. Fejn l-artikoli ngħataw numri ġodda, il-korrelazzjoni bejn in-numri qodma u ġodda tidher f'tabella li tinsab fl-Anness VII tad-Direttiva kkodifikata.

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar mezzi tal-ibbrejkjar ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija

**(Kodifikazzjoni)
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislativ intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁵,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:



- (1) Id-Direttiva tal-Kunsill 76/432/KEE tas-6 ta' April 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati ma' l-mezzi ta' l-ibbrejkjar ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija⁶ ġiet emendata kemm-il darba⁷ b'mod sostanzjali. Għal iktar ċarezza u razjonalità, l-imsemmija Direttiva għandha tiġi kkodifikata.

↓ 76/432/KEE Premessa 1
(adattat)

- (2) Id-Direttiva 76/432/KEE hija waħda mid-Direttivi separati tas-sistema tal-approvazzjoni tat-tip KE prevista fid-Direttiva tal-Kunsill 74/150/KEE, kif sostitwita bid-Direttiva 2003/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' tratturi għall-agrikoltura jew għall-foresti, il-karrijiet tagħhom u makkinarju irmunkat interkambjabbli, flimkien mas-sistemi tagħhom, komponenti u unitajiet tekniċi separati u r-revoka

⁵ ĠU L [...], [...], p. [...].

⁶ ĠU L 122, 8.5.1976, p. 1.

⁷ Ara l-Anness VI, Parti A.

tad-Direttiva 74/150/KEE⁸, u tistabbilixxi preskrizzjonijiet ☒ tekniċi ☒ dwar ☒ mezzi tal-ibbrejtkar. ☒ Dawk il-preskrizzjonijiet tekniċi jikkonċernaw l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri sabiex jippermettu l-applikazzjoni tal-proċedura ta' approvazzjoni tat-tip KE prevista mid-Direttiva 2003/37/KE għal kull tip ta' trattur. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet stabbiliti mid-Direttiva 2003/37/KE dwar tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija, il-karrijiet tagħhom u makkinarju irmunkat interkambjabbli, flimkien mas-sistemi tagħhom, komponenti u unitajiet tekniċi separati, japplikaw għal din id-Direttiva. ☒



- (3) Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għall-obbligi tal-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tad-Direttivi mniżżla fl-Anness VI, Parti B,

↓ 76/432/KEE

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

1. 'Trattur għall-agrikoltura jew għall-forestrija' tfisser kull vettura bil-mutur mgħammra bir-roti jew b'ċineġ mingħajr tarf u li jkollha mill-inqas żewġ fusien, li l-funzjoni prinċipali tagħha tkun il-qawwa tal-ġbid u li tkun iddisinjata speċjalment sabiex tirmonka, timbotta, iġġorr jew tħaddem ċerti għodod, makkinarju jew karrijiet maħsuba għall-agrikoltura jew għall-forestrija. Tista' tkun mgħammra sabiex iġġorr tagħbija u passiġġieri.

↓ 82/890/KEE Art. 1(1) (adattat)
→₁ 97/54/KE Art. 1

2. Din id-Direttiva għandha tapplika biss għat-tratturi definiti fil-paragrafu 1 li jkunu mgħammra b'tajers pnevmatiċi u li jkollhom veloċità massima skont id-disinn ta' bejn is-6 u l-→₁ 40 km/sieġha ←.

↓ 76/432/KEE u 96/63/KE
(adattat)

Artikolu 2

1. ☒ Fir-rigward ta' tratturi li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva ☒, l-Istati Membri ma jistgħux ☒, għal raġunijiet relatati ma' mezzi tal-ibbrejtkar, ☒:

- (a) jirrifjutaw, fir-rigward ta' tip ta' trattur, li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip KE jew li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali; jew

⁸ ĠU L 171, 9.7.2003, p. 1.

- (b) ☒ jirrifjutaw ☐ ir-reġistrazzjoni ☒ jew jipprojbixxu ☐ l-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' tratturi.

2. L-Istati Membri jistgħu jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni tat-tip nazzjonali għal tip ta' trattur għal raġunijiet relatati ma' mezzi tal-ibbrejtkjar, jekk ir-rekwiżiti ☒ stabbiliti f' ☐ din id-Direttiva ma jkunux ġew imħarsa.

↓ 76/432/KEE (adattat)

Artikolu 3

L-Istati Membri ma jistgħux jipprojbixxu l-użu ta' tratturi għal raġunijiet relatati mal-mezzi tal-ibbrejtkjar tagħhom jekk dawk it-tratturi jkunu mġhammra bil-mezzi speċifikati fl-Annessi I sa IV u jekk dawk il-mezzi jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati f'dawk l-Annessi.

Artikolu 4

Stat Membru li ta l-approvazzjoni tat-tip ☒ KE ☐ ta' trattur għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li jkun informat bi kwalunkwe modifika f'komponent jew karatteristika msemmiya fil-punt 1.1 tal-Anness I. L-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru għandhom jiddeċiedu jekk għandhomx jitwettqu testijiet ġodda fuq it-tip ta' trattur modifikat u jekk għandux jitħejja rapport ġdid. Jekk tali testijiet juru nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva, il-modifika ma għandhiex tkun approvata.

Artikolu 5

L-emendi neċessarji għall-adattament tar-rekwiżiti tal-Annessi I sa V biex jiġi kkunsidrat il-progress tekniku għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ☒ imsemmiya ☐ fl-Artikolu 20(3) tad-Direttiva 2003/37/KE.

Artikolu 6

☒ L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-kamp kopert b'din id-Direttiva. ☐

↓

Artikolu 7

Id-Direttiva 76/432/KEE, kif emendata bid-Direttivi mniżżla fl-Anness VI, Parti A, hija mħassra, bla ħsara għall-obbligi tal-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tad-Direttivi mniżżla fl-Anness VI, Parti B.

Referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehm u bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness VII.

Artikolu 8

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika minn [...]

↓ 76/432/KEE

Artikolu 9

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS I

DEFINIZZJONIJIET, APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP KE, APPROVAZZJONI TAT-TIP KE, REKWIŻITI TA' KOSTRUZZJONI U TAGĦMIR

1. DEFINIZZJONIJIET

1.1. Tip ta' trattur fir-rigward tal-mezzi tal-ibbrejkjar

‘Tip ta’ trattur fir-rigward tal-mezzi tal-ibbrejkjar’ tfisser tratturi li mhumie x differenti fl-aspetti essenzjali bħal:

- 1.1.1. ☒ massa ☒ mhux mgħobbija, kif definita fil-punt 1.18,
 - 1.1.2. ☒ massa ☒ massima, kif definita fil-punt 1.16,
 - 1.1.3. distribuzzjoni tal- ☒ massa ☒ bejn il-fusien,
 - 1.1.4. ☒ massa ☒ massima teknikament permessibbli fuq kull fus,
-

- 1.1.5. veloċità massima skont id-disinn,
- 1.1.6. tip differenti ta’ mezz tal-ibbrejkjar (b’referenza partikolari għall-preżenza jew le ta’ mezz biex jibbrejkja karru),
- 1.1.7. numru u arranġament tal-fusien ibbrejkjati,
- 1.1.8. tip ta’ magna,
- 1.1.9. ir-ratio tat-trasmissjoni globali li jikkorrispondi għall-veloċità massima,
- 1.1.10. dimensjonijiet tat-tajers (fusien ibbrejkjati).

1.2. Mezz tal-ibbrejkjar

‘Mezz tal-ibbrejkjar’ tfisser kombinazzjoni ta’ partijiet li l-funzjoni tagħhom hija li titnaqqas progressivament il-veloċità ta’ trattur miexi jew li twasslu biex jieqaf, jew li żżommu wieqaf jekk ikun diġà mwaqqaf. Dawn il-funzjonijiet huma speċifikati fil-punt 4.1.2. Mezz għandu jikkonsisti fil-kontroll, it-trażmissjoni u l-brejkijiet infushom.

1.3. Brejk gradwat

‘Brejk gradwat’ tfisser ibbrejkjar waqt li, jew fuq l-applikazzjoni jew it-tluq tal-brejkijiet, fil-medda normali tal-operazzjoni tal-mezz:

- 1.3.1. is-sewwieq jista’ fi kwalunkwe ħin iżid jew inaqqas il-qawwa tal-ibbrejkjar permezz ta’ azzjoni fuq il-kontroll,
- 1.3.2. il-forza tal-ibbrejkjar tagħxi fl-istess direzzjoni bħall-azzjoni fuq il-kontroll (funzjoni monotonika),
- 1.3.3. huwa faċli li tagħmel aġġustament suffiċjentement tajjeb lill-qawwa tal-ibbrejkjar.

1.4. Kontroll

‘Kontroll’ tfisser il-parti attwata direttament mis-sewwieq biex tforni lit-trażmissjoni l-enerġija meħtieġa biex tibbrejkjaha jew tikkontrollaha. Dik l-enerġija tista’ tkun l-enerġija muskolari tas-sewwieq, jew enerġija minn sors ieħor ikkontrollat mis-sewwieq, jew kombinazzjoni ta’ dawn it-tipi varji ta’ enerġija.

1.5. Trażmissjoni

‘Trażmissjoni’ tfisser il-kombinazzjoni ta’ komponenti mqiegħda bejn il-kontroll u l-brejk u li tgħaqqadhom it-tnejn operazzjonalment. It-trażmissjoni tista’ tkun mekkanika, idrawlika, pneumatika, elettrika jew imħallta. Fejn il-qawwa tal-ibbrejkjar hija miġjuba minn jew assistita minn sors ta’ enerġija indipendenti mis-sewwieq imma kkontrollata minnu, ir-riżerva ta’ enerġija fil-mezz tkun ukoll meqjusa bħala parti mit-trażmissjoni.

1.6. Brejk

‘Brejk’ tfisser il-komponent li fih jiżviluppaw il-forzi li jopponu l-moviment tat-trattur. Dan jista’ jkun brejk ta’ frizzjoni (meta l-forzi jkunu ġġenerati bil-frizzjoni bejn iż-żewġ partijiet tat-trattur li jimxu relattivament lejn xulxin), brejk elettriku (meta l-forzi jkunu ġġenerati minn azzjoni elettro-manjetika bejn żewġ partijiet tat-trattur li jimxu relattivament lejn imma mhux f’kuntatt ma’ xulxin), brejk fluwidu (meta l-forzi jkunu ġġenerati bl-azzjoni tal-fluwidu mqiegħed bejn żewġ partijiet tat-trattur li jimxu relattivament lejn xulxin), jew brejk tal-magna (meta l-forzi huma dderivati minn żieda kkontrollata fl-azzjoni tal-ibbrejkjar tal-magna trażmessa lir-roti).

Mezz li mekkanikament jillockja t-trażmissjoni tat-trattur imma li ma jistax ikun użat meta t-trattur huwa miexi għandu jkun meqjus bħala brejk tal-ipparkjar.

1.7. Tipi differenti ta’ mezzi tal-ibbrejkjar

‘Tipi differenti ta’ mezzi tal-ibbrejkjar’ tfisser apparat li huwa differenti f’tali aspetti essenzjali bħal:

- 1.7.1. il-karatteristiċi ta’ komponent wieħed jew iktar, pereżempju il-materjal, il-forma jew id-daqs,

1.7.2. l-arranġament tal-komponenti.

1.8. Komponent tas-sistema tal-ibbrejkjar

‘Komponent tas-sistema tal-ibbrejkjar’ tfisser waħda mill-partijiet individwali li, meta tiġi armata, tikkostitwixxi l-mezz tal-ibbrejkjar.

1.9. Brejkjar kontinwu

‘Brejkjar kontinwu’ tfisser l-ibbrejkjar ta’ kombinazzjonijiet ta’ vetturi permezz ta’ istallazzjoni li jkollha l-karatteristiċi segwenti:

- 1.9.1. kontroll waħdieni li s-sewwieq jattwa progressivament, b’moviment waħdieni, mis-sedil tas-sewqan tiegħu,
- 1.9.2. l-enerġija użata għall-ibbrejkjar tal-vetturi li tikkostitwixxi l-kombinazzjoni tal-vettura hija fornuta mill-istess sors (li jista’ jkun l-enerġija muskolari tas-sewwieq),
- 1.9.3. l-istallazzjoni tal-ibbrejkjar tiżgura bbrejkjar simultanju jew f’fażijiet adattati ta’ kull waħda mill-vetturi li jikkostitwixxu l-kombinazzjoni, tkun xi tkun il-pożizzjoni relattiva tagħhom.

1.10. Ibbrejkjar semi-kontinwu

‘Ibbrejkjar semi-kontinwu’ tfisser ibbrejkjar ta’ kombinazzjonijiet ta’ vetturi permezz ta’ istallazzjoni li jkollha l-karatteristiċi segwenti:

- 1.10.1. kontroll waħdieni li s-sewwieq jista’ jattwa progressivament, b’moviment waħdieni, mis-sedil tas-sewqan tiegħu,
- 1.10.2. l-enerġija użata għall-ibbrejkjar tal-vetturi li tikkostitwixxi l-kombinazzjoni tal-vettura hija fornuta minn diversi sorsi differenti (li wieħed minnhom jista’ jkun l-enerġija muskolari tas-sewwieq),
- 1.10.3. l-istallazzjoni tal-ibbrejkjar tiżgura bbrejkjar simultanju jew f’fażijiet adattati ta’ kull waħda mill-vetturi li jikkostitwixxu l-kombinazzjoni, tkun xi tkun il-pożizzjoni relattiva tagħhom.

1.11. Ibbrejkjar indipendenti mħaddem bl-enerġija elettriċa

‘Ibbrejkjar indipendenti mħaddem bl-enerġija elettriċa’ tfisser ibbrejkjar ta’ kombinazzjonijiet ta’ vetturi permezz ta’ mezzi li jkollhom il-karatteristiċi segwenti:

- 1.11.1. kontroll tal-brejk ta’ trattur li huwa indipendenti mill-kontroll tal-brejk tal-vettura irmunkata; dan tal-aħħar kun fil-każijiet kollha mmuntat fuq it-trattur b’tali mod li jkun faċilment attwat mis-sewwieq mis-sedil tas-sewqan tiegħu,
- 1.11.2. l-enerġija muskolari tas-sewwieq mhijiex l-enerġija użata għall-ibbrejkjar tal-vetturi rmunkati.

1.12. Ibbrejkjar indipendenti

‘Ibbrejkjar indipendenti’ tfisser ibbrejkjar ta’ kombinazzjonijiet ta’ vetturi permezz ta’ mezzi li jkollhom il-karatteristiċi segwenti:

- 1.12.1. kontroll tal-brejk ta’ trattur li huwa indipendenti mill-kontroll tal-brejk tal-karru; dan ta’ l-aħħar ikun fil-każijiet kollha mmuntat fuq it-trattur b’tali mod li jkun faċilment attwat mis-sewwieq mis-sedil tas-sewqan tiegħu,
- 1.12.2. l-enerġija muskolari tas-sewwieq hija l-enerġija użata għall-ibbrejkjar tal-vetturi rmunkati.

1.13. Ibbrejkjar awtomatiku

‘Ibbrejkjar awtomatiku’ tfisser ibbrejkjar tal-vettura jew vetturi rmunkati li jseħħ awtomatikament fil-każ ta’ separazzjoni ta’ komponenti tal-kombinazzjoni ta’ vetturi kkoppjati, inkluż tali separazzjoni permezz ta’ ksur tal-coupling, mingħajr ma titnaqqas sostanzjalment l-effettività tal-ibbrejkjar tal-bqija tal-kombinazzjoni.

1.14. Ibbrejkjar tal-inerzja

‘Ibbrejkjar tal-inerzja’ tfisser ibbrejkjar bl-użu tal-forzi ġġenerati bil-karru li jersaq lejn it-trattur.

↓ 76/432/KEE (adattat)

1.15. Trattur mgħobbi

‘Trattur mgħobbi’ tfisser, għajr fejn jingħad mod ieħor, trattur mgħobbi sal-‘☒ massa ☒ massima’ tiegħu.

1.16. ☒ Massa ☒ massima

‘☒ Massa ☒ massima’ tfisser il- ☒ massa ☒ massima teknikament persmissibbli dikjarata mill-manifattur (din il- ☒ massa ☒ tista’ tkun ogħla mill-“ ☒ massa ☒ massima awtorizzata”).

1.17. Trattur mhux mgħobbi

‘Trattur mhux mgħobbi’ tfisser it-trattur f’ordni li jitħaddem, bit-tankijiet u r-radjatur mimlija, b’sewwieq ta’ massa ta’ 75 kg imma mingħajr passiġġieri, aċċessorji ta’ għażla jew tagħbija.

1.18. ☒ Massa ☒ bla tagħbija

‘☒ Massa ☒ bla tagħbija’ tfisser il-☒ massa ☒ tat-trattur mhux mgħobbi.

2. APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP KE

- 2.1. Applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip KE għal tip ta’ trattur rigward il-mezzi tal-ibbrejkjar għandha tiġi ppreżentata mill-manifattur jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

- 2.2. Din għandha tkun akkumpanjata minn tliet kopji tad-dokumenti segwenti:
- 2.2.1. deskrizzjoni tat-tip ta' trattur rigward il-punti msemija fil-punti 1.1.1 sa 1.1.10. In-numri u/jew simboli mogħtija mill-manifattur jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għat-tip ta' trattur għandhom jkunu fornuti,
- 2.2.2. lista ta' partijiet, kull waħda identifikata sewwa, li jikkostitwixxu l-mezz tal-ibbrejtkjar,
- 2.2.3. pjanta tal-mezz tal-ibbrejtkjar li turi l-pożizzjoni ta' kull waħda mill-partijiet fuq it-trattur, sabiex tippermetti li l-komponenti varji jkunu lokalizzati u identifikati.
- 2.3. Dan li ġej għandu wkoll jiġi pprovdut:
- 2.3.1. trattur, rappreżentattiv tat-tip ta' trattur li għandu jkun approvat,
- 2.3.2. tali disinni kif jistgħu jkunu mitluba ta' daqs massimu ta' A4 (210 x 297 mm), jew mitwija għal dan id-daqs u ddisinjati fuq l-iskala xierqa.
-

3. APPROVAZZJONI TAT-TIP KE

Il-formola kif illustrata fl-Anness V għandha timtela u tiġi meħmuża mal-approvazzjoni tat-tip KE.

4. REKWIŻITI TA' KOSTRUZZJONI U TAGĦMIR

4.1. Ġenerali

4.1.1. Mezz tal-ibbrejtkjar

- 4.1.1.1. Il-mezz tal-ibbrejtkjar għandu jkun hekk iddisinjat, mibni u installat b'mod li jippermetti lit-trattur waqt użu normali li jkun konformi mar-rekwiżiti msemija hawn taħt, minkejja kwalunkwe vibrazzjoni li għaliha jista' jkun suġġett.
- 4.1.1.2. B'mod partikolari, il-mezz tal-ibbrejtkjar għandu jkun hekk iddisinjat, mibni u installat b'mod li jirreżisti therrija u l-effetti taż-żmien waqt is-servizz, li jistgħu jwasslu għal telf f'daqqa tal-effiċjenza tal-ibbrejtkjar.

4.1.2. Funzjonijiet tal-mezz tal-ibbrejtkjar

Il-mezz tal-ibbrejtkjar definit fil-punt 1.2 għandu jissodisfa l-kondizzjonijiet li ġejjin:

4.1.2.1. Brejkijiet tas-servizz

- 4.1.2.1.1. Il-brejk tas-servizz għandu jippermetti li l-moviment tat-trattur jiġi kkontrollat u li t-trattur jitwaqqaf bla periklu, malajr u effiċjentement, fi kwalunkwe veloċità skont id-disinn u bit-tagħbija awtorizzata kemm fit-telgħa kif ukoll f'niżla. Għandu jkun possibbli li l-azzjoni tiegħu tkun irregolata. Dawn il-kondizzjonijiet jitqiesu li jkunu rispettati kemm il-darba r-reqwiziti tal-Anness II jkunu sodisfatti.

Is-sewwieq għandu jkun f'pożizzjoni li japplika l-brejk tas-servizz mis-sedil tiegħu u jżomm il-kontroll tal-mezz tat-treġġja fuq it-trattur almenu b'idu waħda. Il-brejk tas-servizz tat-trattur jista' jkun fih strumenti fuq il-lemin u fuq ix-xellug. Għandu jkun possibbli li jkunu magħqudin flimkien sabiex ikunu attwati f'operazzjoni waħdanija, u jkun possibbli li jerġgħu jkunu maħlula minn ma' xulxin.

Kull strument, fuq il-lemin jew fuq ix-xellug, għandu jkollu sistema ta' aġġustament, li tista' tkun jew manwali jew awtomatika, li tippermetti li l-bilanċ tal-brejkijiet jkun faċilment miġjub lura għan-normal.

4.1.2.2. Brejkijiet tal-ipparkjar

- 4.1.2.2.1. Il-brejk tal-ipparkjar għandu jippermetti lit-trattur li jibqa' wieqaf f'telgħa jew f'niżla anke fl-assenza tas-sewwieq, bil-partijiet li jaħdmu jinżammu f'pożizzjoni msakkra b'mezz purament mekkaniku. Dan jista' jinkiseb permezz ta' brejk li jaġixxi fuq it-trażmissjoni. Is-sewwieq għandu jkun kapaċi japplika l-brejk tal-ipparkjar mis-sedil tiegħu; azzjoni ripetuta biex tinkiseb l-effiċjenza meħtieġa hija permessa.

4.2. Il-karatteristiċi tal-mezzi tal-ibbrejkjar

- 4.2.1. Is-sett tal-mezzi tal-ibbrejkjar li bihom huwa mġammar trattur iridu jissodisfaw ir-reqwiziti stabbiliti għall-brejkijiet tas-servizz u tal-ipparkjar.

- 4.2.2. Il-mezzi tal-ibbrejkjar tas-servizz u tal-ipparkjar jistgħu jkollhom komponenti komuni, li jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

- 4.2.2.1. għandu ikun hemm tal-anqas żewġ kontrolli, indipendenti minn xulxin u faċilment aċċessibbli għas-sewwieq mis-sedil tas-sewqan; għandu jkun possibbli li dan ir-reqwizit jiġi rispettat anki meta s-sewwieq ikun liebes iċ-ċinturin tas-sigurtà,

- 4.2.2.2. fil-każ ta' ksur ta' kwalunkwe komponent tal-mezz tal-ibbrejkjar barra dak tal-brejkijiet (kif definit fil-punt 1.6) jew ta' kwalunkwe ħsara oħra fil-mezz tal-ibbrejkjar tas-servizz (ħdim ħażin, konsum parzjali jew sħiħ ta' riżerva ta' enerġija), għandu jkun possibbli li t-trattur jitwaqqaf bil-mod b'deċelerazzjoni ugħwali għall-anqas 50 % tal-valur stabbilit fil-punt 2.1.1. tal-Anness II.

Dawn il-kondizzjonijiet għandhom ikunu sodisfatti meta jinkiseb ibbrejkjar residwu fuq ir-roti lokalizzati fuq iż-żewġ naħat tal-pjan lonġitudinali medjan (mingħajr ma t-trattur jiddevja mill-korsa tiegħu).

Għall-iskopijiet ta' din is-Sezzjoni, il-lieva u l-cam assemblies, jew assemblei simili, permezz ta' liema l-brejkijiet ikunu applikati, ma għandhomx jitqiesu li huma suġġetti għal ħsara.

- 4.2.3. Fejn isir użu ta' enerġija barra dik muskolari tas-sewwieq, jista' ma jkunx hemm bżonn iktar minn sors wieħed ta' tali enerġija (bħal pompa idrawlika, kompressur tal-arja, eċċ.) basta li r-rekwiżiti tal-punt 4.2.2 ikunu sodisfatti.
- 4.2.4. Il-mezz tal-ibbrejkjar tas-servizz għandu jaġixxi fuq iż-żewġ roti ta' almenu wieħed mill-fusien.
- 4.2.5. L-azzjoni tal-mezz tal-ibbrejkjar tas-servizz għandha tkun distribwita bejn ir-roti tal-istess fus simetrikament f'relazzjoni mal-pjan lonġitudinali medjan tat-trattur.
- 4.2.6. Il-mezz tal-ibbrejkjar tas-servizz u l-mezz tal-ibbrejkjar tal-ipparkjar għandhom jaġixxu fuq uċuh tal-ibbrejkjar magħqudin permanentement mar-roti permezz ta' komponenti ta' saħħa adegwata. Ma għandux ikun possibbli li wiċċ tal-ibbrejkjar ikun mifrud minn mar-roti. ➔ Meta aktar minn fus wieħed huwa normalment suġġett għall-ibbrejkjar, fus wieħed jista' jiġi sseparat sakemm l-attivazzjoni tal-brejk tas-servizz awtomatikament terġa' tgħaqqad mill-ġdid dak il-fus u li, jekk il-mezz li jerġa' jgħaqqad mill-ġdid ma jaħdimx, dan isir b'mod awtomatiku. ←
- Meta fus wieħed ikun suġġett għall-ibbrejkjar, id-differenzjal ma għandux ikun immuntat bejn il-brejk tas-servizz u r-roti ta' dak il-fus; meta żewġ fusien ikunu suġġetti għall-ibbrejkjar, id-differenzjal jista' jkun immuntat bejn il-brejk tas-servizz u r-roti ta' wieħed miż-żewġ fusien.
- 4.2.7. It-tekil fuq il-brejkijiet għandu jkun faċilment kompensat permezz ta' sistema ta' aġġustament manwali jew awtomatiku. Addizzjonalment, il-kontroll u l-komponenti tat-trażmissjoni u l-brejkijiet għandu jkollhom riżerva ta' vjaġġar tali li, meta l-brejkijiet jisħnu jew meta l-lastiku tal-brejkijiet ikun laħaq ċertu grad ta' tekil, ibbrejkjar effettiv ikun żgurat mingħajr ma jkun hemm bżonn aġġustament immedjat.
- 4.2.8. F'mezzi tal-ibbrejkjar idrawliċi, il-portijiet li jiġu mimlija tal-kontenituri tal-fluwidu għandhom ikunu faċilment aċċessibbli; addizzjonalment, il-kontenituri tal-fluwidu ta' riżerva jridu jkunu hekk magħmula li l-livell tal-fluwidu ta' riżerva jkun jista' jiġi faċilment spezzjonat mingħajr ma jkollhom jinfetħu l-kontenituri.
- 4.2.9. Kull trattur mgħammar bi brejk attiv minn kontenitur ta' riżerva tal-enerġija jrid, fejn il-prestazzjoni tal-ibbrejkjar preskritta hija impossibbli mingħajr l-użu ta' enerġija maħżuna, ikun mgħammar bi strument ta' twissija, flimkien mal-gauge ta' pressjoni, li jagħti sinjal li jista' jidher jew jinstema' meta l-enerġija, fi kwalunkwe parti tal-istallazzjoni sal-valv tal-kontroll, taqa' għal 65 % jew inqas mill-valur normali tagħha. Dak l-istrument għandu jkun direttament u permanentement magħqud maċ-ċirkwit.
- 4.2.10. Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti tal-punt 4.1.2.1, fejn l-użu ta' sors ta' enerġija awżiljarja huwa essenzjali għall-operazzjoni ta' mezz tal-ibbrejkjar, ir-riżerva tal-enerġija trid tkun tali li tiżgura li, jekk tieqaf il-magna, il-prestazzjoni tal-brejkijiet tibqa' suffiċjenti biex twassal lit-trattur biex jieqaf taħt il-kondizzjonijiet preskritti.

- 4.2.11. Kwalunkwe apparat awżiljarju għandu jiġbed biss l-enerġija tiegħu b'tali mod li l-operazzjoni tiegħu, anke fil-każ ta' ħsara fis-sors tal-enerġija, ma jkunx jista' jikkawża li riżervi ta' għoti ta' enerġija lill-mezzi tal-ibbrejjar jaqgħu taħt il-livell indikat fil-punt 4.2.9.
-

ANNEX II

TESTIJIET TAL-IBBREJKJAR U PRESTAZZJONI TAL-MEZZI TAL-IBBREJKJAR

1. TESTIJIET TAL-IBBREJKJAR

1.1. Ġenerali

↓ 76/432/KEE (adattat)
→₁ 96/63/KE Art. 1 u Anness,
pt. 2

- 1.1.1. →₁ L-effettività ta' brejk tas-servizz hija bbażata fuq id-distanza ☒ tal-waqfien ☒ ikkalkolata skont il-formola stipulata fil-punt 2.1.1.1. ← Id-distanza tal-waqfien għandha tkun id-distanza koperta mit-trattur mill-mument meta s-sewwieq jibda jattwa l-kontroll tal-mezz sal-mument li fih it-trattur jieqaf.
-

↓ 76/432/KEE

Il-prestazzjoni preskritta għall-mezz tal-ibbrejkjar tal-ipparkjar għandha tkun ibbażata fuq il-kapaċità biex it-trattur jinżamm stazzjonarju kemm f'telgħa kif ukoll f'niżla.

- 1.1.2. Għall-approvazzjoni tat-tip ta' kwalunkwe trattur, il-prestazzjoni tal-ibbrejkjar għandha tkun imkejla waqt testijiet fit-triq magħmula taħt il-kondizzjonijiet li ġejjin:
-

↓ 76/432/KEE (adattat)

- 1.1.2.1. il-kondizzjoni tat-trattur fir-rigward ☒ tal-massa ☒ trid tkun preskritta għal kull tip ta' test u tkun speċifikata fir-rapport tat-test,
-

↓ 76/432/KEE (adattat)

- 1.1.2.2. waqt it-testijiet il-forza applikata fuq il-kontroll tal-brejk sabiex tinkiseb il-prestazzjoni preskritta ma tistax teċċedi is-60 daN fuq il-kontrolli mħaddma bil-pedali u l-40 daN fuq il-kontrolli mħaddma bl-idejn,
- 1.1.2.3. it-triq għandu jkollha wiċċ li jiżgura adeżjoni tajba,
- 1.1.2.4. it-testijiet iridu jsiru meta ma jkunx hemm riħ li jista' jaffettwa r-riżultati,
- 1.1.2.5. fil-bidu tat-testijiet it-tajers iridu jkunu kesħin u fil-pessjoni preskritta għat-tagħbija li attwalment iġorru r-roti meta t-trattur ikun wieqaf,
- 1.1.2.6. Il-prestazzjoni preskritta trid ikun miksuba mingħajr illokkjar tar-roti, mingħajr devjazzjoni tat-trattur mill-korsa tiegħu, u mingħajr vibrazzjonijiet mhux normali.

- 1.1.3. Waqt it-testijiet, it-trattur għandu jkun mgħammar bi kwalunkwe partijiet intiżi mill-manifattur għall-operazzjoni tal-mezzi tal-ibbrejtkjar tal-vettura rmunkata kif imsemmi fil-punti 1.9. sa 1.12 tal-Anness I.

1.2. Test tat-tip 0

(test ta' prestazzjoni ordinarju bil-brejkijiet kesħin)

1.2.1. Ġenerali

- 1.2.1.1. Il-brejkijiet iridu jkunu kesħin fil-bidu tat-test. Brejk huwa kkunsidrat li jkun kiesaħ jekk tkun sodisfatta kwalunkwe waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

- 1.2.1.1.1. it-temperatura mkejla fuq id-disk jew fuq barra tad-dramm trid tkun taħt il-100 °C,

- 1.2.1.1.2. fil-każ ta' brejkijiet magħluqin għal kollox, inklużi brejkijiet mgħaddsin fiż-żejt, it-temperatura mkejla fuq barra l-qafas trid tkun taħt 50 °C,

- 1.2.1.1.3. il-brejkijiet ma għandhomx ikunu tħaddmu għal siegħa.

- 1.2.1.2. Matul it-test tal-ibbrejtkjar, fus mhux ibbrejtkjat, meta jkun jista' jiġi maħlul, ma jridx ikun magħqud ma' fus ibbrejtkjat.

- 1.2.1.3. It-test għandu jsir taħt il-kondizzjonijiet li ġejjin:

↓ 76/432/KEE (adattat)

- 1.2.1.3.1. it-trattur għandu jkun mgħobbi sal- ☒ massa ☐ massima tiegħu, b'fus mhux ibbrejtkjat mgħobbi wkoll sal- ☒ massa ☐ massima teknikament permissibbli; ir-roti tal-fus ibbrejtkjat iridu jkunu mgħammra bl-ikbar tajers intiżi għal dak it-tip ta' trattur mill-manifattur. Għal tratturi li jibbrejtkjaw fuq ir-roti kollha, il-fus ta' quddiem għandu jkun mgħobbi sal- ☒ massa ☐ massima teknikament permissibbli,

↓ 76/432/KEE

- 1.2.1.3.2. it-test għandu jkun ripetut fuq trattur mhux mgħobbi li jgħorr biss is-sewwieq u jekk ikun hemm bżonn persuna responsabbli għall-monitoraġġ tar-riżultati tat-test; it-trattur għandu jkun mgħammar bl-ikbar tajers rakkomandati mill-manifattur,

- 1.2.1.3.3. il-limiti preskritti għall-prestazzjoni minima, kemm għat-testijiet bit-trattur mhux mgħobbi kif ukoll għat-testijiet bih mgħobbi, ikunu dawk stabbiliti fil-punt 2.1.1,

- 1.2.1.3.4. it-triq trid tkun livellata.

1.2.2. It-test tat-tip 0 għandu jitwettaq:

- 1.2.2.1. bil-veloċità massima skont id-disinn bit-trasmissjoni newtrali,

- 1.2.2.2. il-prestazzjoni minima preskritta trid tkun milħuqa.

1.3. Test tat-tip I (test ta' telf ta' effettività)

- 1.3.1. Tratturi mgħobbija għandhom ikunu ttestjati b'tali mod li d-dħul tal-enerġija tkun ekwivalenti għal dik irrekordjata fl-istess perijodu ta' żmien bi trattur mgħobbi misjuq b'veloċità fissa ta' $80 \% \pm 5 \%$ ta' dik stabbilita għat-testijiet tat-tip 0 f'niżla b'pendil ta' 10% għal distanza ta' 1 km , bit-trażmissjoni fin-newtral.
- 1.3.2. Fl-aħħar tat-test, il-prestazzjoni residwa tal-mezz tal-ibbrejkjar tas-servizz għandha tkun imkejla taħt l-istess kondizzjonijiet tat-test tat-tip 0 bit-trażmissjoni fin-newtral (naturalment taħt kondizzjonijiet ta' temperatura differenti).

2. PRESTAZZJONI TAL-MEZZI TAL-IBBREJKJAR

2.1. Il-mezzi tal-ibbrejkjar tas-servizz

2.1.1. Il-brejkijiet tas-servizz ta' tratturi għandhom:

↓ 96/63/KE Art. 1 u Anness, pt. 2

- 2.1.1.1. taħt kundizzjonijiet ta' test tat-tip 0, jiksbu distanza tal-waqfien li hija kkalkolata kif ġej:

$$S_{\max} \leq 0,15 V + (V^2/116),$$

fejn

V hija l-veloċità massima skont id-disinn f'kilometri fis-sieġha, u

$S_{\max}$ hija d-distanza massima tal-waqfien f'metri,

↓ 76/432/KEE

- 2.1.1.2. wara t-test tat-tip I, jipproduċu prestazzjoni residwa ta' mhux inqas minn 75% ta' dik preskritta, u mhux inqas minn 60% tal-valur irrekordjat waqt it-test tat-tip 0 (bit-trażmissjoni fin-newtral).

2.2. Il-mezzi tal-ibbrejkjar tal-ipparkjar

- 2.2.1. Il-mezz tal-ibbrejkjar tal-ipparkjar irid ikun kapaċi jżomm trattur mgħobbi wieqaf f'telgħa jew niżla b'pendil 18% , anke jekk ikun ikkombinat ma' wieħed mill-mezzi l-oħra tal-ibbrejkjar.
-

↓ 76/432/KEE (adattat)

- 2.2.2. Fuq tratturi li magħhom huwa awtorizzat l-irmonk ta' karru wieħed jew iktar, il-mezz tal-ibbrejkjar tal-ipparkjar tat-trattur għandu jkun kapaċi jżomm il-kombinazzjoni tal-vettura, inkluż trattur mhux mgħobbi u karru mhux ibbrejkjat ta' l-istess $\boxtimes$ massa $\boxtimes$ (li ma jeċċedix tliet tunnelli metriċi), wieqaf f'telgħa jew niżla b'pendil ta' 12% .

- 2.2.3. Mezz tal-ibbrejtkjar tal-ipparkjar li għandu jkun attwat diversi drabi qabel ma tinkiseb il-prestazzjoni preskritta huwa permissibbli.
-

ANNEX III

BREJKIJET TAL-MOLOL

1. DEFINIZZJONI

‘Brejkijiet tal-molol’ huma brejkijiet li għalihom l-enerġija meħtieġa għall-ibbrejkjar hija fornuta minn molla waħda jew iktar li jaġixxu bħala akkumulaturi tal-enerġija.

2. REKWIŻITI SPEĊJALI

- 2.1. Brejk tal-molol ma jistax jintuża bħala brejk tas-servizz.
- 2.2. Varjazzjoni żgħira fi kwalunkwe limitu ta’ pressjoni li tista’ tiġri fiċ-ċirkwit ta’ alimentazzjoni tal-kamra tal-kompressjoni tal-brejk ma għandhiex tikkawża varjazzjoni sinifikanti fil-qawwa tal-ibbrejkjar.
- 2.3. Iċ-ċirkwit ta’ alimentazzjoni tal-kamra tal-kompressjoni tal-molla għandu jinkludi riżerva ta’ enerġija li ma tforni l-ebda strument jew apparat ieħor. Dan ir-rekwiżit ma japplikax jekk il-molol ikunu jistgħu jkunu mantnuta fl-istat kompressat billi jiġu użati żewġ sistemi indipendenti jew iktar.
- 2.4. L-istrument għandu jkun hekk iddisinjat li jkun possibbli biex tapplika u tħoll il-brejkijiet tal-anqas tliet darbiet li jibdw bi pressjoni inizjali fil-kamra tal-kompressjoni tal-molla ugwali għall-pressjoni massima ddisinjata. Dan ir-rekwiżit irid ikun sodisfatt meta l-brejkijiet ikunu aġġustati qrib xulxin kemm jista’ jkun.
- 2.5. Il-pressjoni fil-kamra tal-kompressjoni li taħtha l-molol jibdw jattwaw il-brejkijiet, b’dawn tal-aħħar aġġustati kemm jista’ jkun qrib xulxin, ma tistax tkun ikbar minn 80 % tal-livell minimu tal-pressjoni normali disponibbli.
- 2.6. Meta l-pressjoni fil-kamra tal-kompressjoni tal-molla taqa’ għal-livell li fih il-partijiet tal-brejk jibdw jiċċaqilqu, għandu jkun attiv sinjal ta’ twissija li jkun jidher jew jinstema’. Jekk dan ir-rekwiżit ikun sodisfatt, l-istrument ta’ twissija jista’ jkun dak speċifikat fil-4.2.9 tal-Anness I.
- 2.7. Fuq tratturi mgħammra bi brejkijiet tal-molol u awtorizzati li jiġbdu karrijiet bi brejkijiet kontinwi jew semi-kontinwi, applikazzjoni awtomatika tal-brejkijiet tal-molol trid tikkawża li jkunu applikati l-brejkijiet tal-karru.

3. SISTEMA TA’ ĦELSIEN

- 3.1. Brejkijiet tal-molol iridu jkunu hekk iddisinjati li, fil-każ ta’ ħsara, ikun possibbli li jkunu meħlusa mingħajr l-użu tal-kontroll normali tagħhom. Dan jista’ jinkiseb bl-użu ta’ strument awżiljarju (pnewmatiku, mekkaniku, eċċ.)

- 3.2. Jekk l-operazzjoni tal-istrument awżiljarju msemmi fil-punt 3.1 jeħtieġ l-użu ta' għodda jew spaner, l-għodda jew spaner iridu jinżammu fuq it-trattur.
-

ANNESS IV

IBBREJKJAR TAL-IPPARKJAR B'ILLOKKJAR MEKKANIKU TAĊ-ĊILINDRI TAL-BREJK (LOCK ACTUATORS)

1. DEFINIZZJONI

‘Illokkjar mekkaniku taċ-ċilindri tal-brejk’ tfisser strument biex jiżgura l-operazzjoni tal-brejk tal-ipparkjar b’feles mekkaniku fuq il-virga tal-piston tal-brejk.

Illokkjar mekkaniku jseħħ meta l-kamra tal-illokkjar titbattal mill-arja kkompressata; l-istrument tal-illokkjar mekkaniku għandu jkun iddisinjat b’tali mod li jkun jista’ jinħeles meta l-kamra tal-illokkjar terġa’ tkun suġġetta għall-pressjoni.

2. REKWIŻITI SPEĊJALI

- 2.1. Meta l-pressjoni fil-kamra tal-illokkjar toqrob lejn il-livell korrispondenti għall-illokkjar mekkaniku, sistema ottika jew akustika ta’ twissija trid tkun attivata.
 - 2.2. Fil-każ ta’ attwaturi tal-ibbrejkjar mġhammra bi strument tal-illokkjar mekkaniku, l-attwatur tal-brejk għandu jkun adattat biex jiġi attwat b’waħda minn żewġ riżervi tal-enerġija.
 - 2.3. Iċ-ċilindru tal-brejk illokkjat jista’ jinħall biss jekk ikun ċert li l-brejk jista’ jkun operat mill-ġdid wara tali ħelsien.
 - 2.4. Fil-każ ta’ ħsara fis-sors tal-enerġija li tissupplixxi lill-kamra tal-illokkjar, strument għall-ħelsien awżiljarju (mekkaniku jew pneumatiku, pereżempju) li juża, pereżempju, l-arja f’wieħed mit-tajers tat-trattur, għandu jkun ipprovdut.
-

ANNESS V

MUDELL

Isem tal-amministrazzjoni

ANNESS GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP KE APPROVAZZJONI TA' MEZZI TAL-IBBREJKJAR TA' TRATTURI BIR-ROTI GĦALL-AGRIKOLTURA JEW GĦALL-FORESTRIJA

(L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' tratturi għall-agrikoltura jew għall-foresti, il-karrijiet tagħhom u makkinarju irmunkat interkambjabbli, flimkien mas-sistemi tagħhom, komponenti u unitajiet tekniċi separati u r-revoka tad-Direttiva 74/150/KEE.)

Approvazzjoni tat-tip KE Nru:

1. Marka (isem il-kumpanija jew id-ditta)
2. Tip u deskrizzjoni kummerċjali
3. Isem u indirizz tal-manifattur
4. Isem u indirizz tar-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur (jekk hemm)
5. Il-pil-massa tat-trattur mhux mgħobbi
6. DisDistribuzzjoni ta' massa mjix hobbija bejn il-fusien(kg)
7. Piż Massa massima tat-trattur
8. Distribuzzjoni tal- ☒ massa ☒ massima tat-trattur fuq kull fus kif imsemmi fil-punt 1.2.1.3.1 tal-Anness II
.....

9. Marka u tip tal-qxur tal-brejkijiet
10. Tip ta' magna
11. Ir-ratll-ratio ta' trasmissjoni globali li jikkorrispondi mal-veloċità massima
-
12. Di Dimensjonijiet tat-tajers
- 2.1 12.1 L-ikbar tajers (fusien ibbrejkajati)
- 12.2 Tajers li jissapportjaw l-ikbar massa teknikament permissibili (fusien mhux ibbrejkajati)
- 2.2
13. Veloċità massima tat-trattur
14. Numru u arranġamenti tal-fusien ibbrejkajati
15. 15. Deskrizzjoni fil-qosor tal-mezz tal-ibbrejkjar
16. 16. Massa tat-tratur fil-ħin tal-ittestjar:

	Mgħobbi	Mhux mgħobbi
L-ewwel fus		
It-tieni fus		

17. Dimensjonijiet tat-tajers uzati waqt it-test:

	Fus 1	Fus 2
Dimensjonijiet tat-tajer		

18. Riżultat tat-testijiet tal-ibbrejkjar:

	Speed tat-test (km/siegħa)	Esel Prestazzjoni kkalkulata f/m/s ²	Forza mkejla applikata għall-kontroll (daN)
18.1. Prestazzjoni tal-			
18.1.1 Test tat-tip 0			
Mhux mgħobbi			
Mgħobbi			
18.1.2 Testijiet tat-tip I			

- 18.2 E Prestazzjoni tal-ibbrejkjar tal-ipparkjar
Pożittiv/Negattiv ⁽¹⁾

19. Trattur ippreżentat għall-approvazzjoni tal-KE fil-

20. Is-Servizz tekniku li qed imexxi t-testijiet tal-approvazzjoni tat-tip
21. Data tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz
22. Numru tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz
23. L-approvazzjoni tat-tip KE rigward l-ibbrejjar hija mogħtija/miċħuda⁽¹⁾.
24. Post
25. Data
26. Firma
27. Id-dokumenti msemmija fil-punti 2.2.1, 2.2.2 u 2.2.3 tal-Anness I huma mehmużin hawn.

⁽¹⁾ Ħassar fejn ma japplikax



ANNEX VI

Parti A

Direttiva mħassra flimkien ma' lista tal-emendi suċċessivi tagħha (imsemmija fl-Artikolu 7)

Direttiva tal-Kunsill 76/432/KEE
(ĠU L 122, 8.5.1976, p. 1)

Direttiva tal-Kunsill 82/890/KEE Artikolu 1(1) biss
(ĠU L 378, 31.12.1982, p. 45)

Direttiva tal-Kummissjoni 96/63/KE
(ĠU L 253, 5.10.1996, p. 13)

Direttiva 97/54/KE tal-Parlament Ewropew u F'dak li jirrigwarda r-referenza għad-Direttiva 76/432/KEE
tal-Kunsill fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 1 biss
(ĠU L 277, 10.10.1997, p. 24)

Parti B

Lista tal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni (imsemmija fl-Artikolu 7)

Direttiva	Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni	Data ta' applikazzjoni
76/432/KEE	1 ta' Jannar 1977	1 ta' Ottubru 1977
82/890/KEE	21 ta' Ġunju 1984	-
96/63/KE	1 ta' Ottubru 1997(*)	-
97/54/KE	22 ta' Settembru 1998	23 ta' Settembru 1998

(*) Skont l-Artikolu 2 tad-Direttiva 96/63/KE:

‘1. B’effett mill-1 ta’ Ottubru 1997 l-Istati Membri ma jistgħux:

- jirrifjutaw, fir-rigward ta’ tip ta’ trattur, li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip tal-KE, li jgħorġu d-dokument msemmi fl-aħħar inċiż ta’ l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 74/150/KEE jew jagħtu l-approvazzjoni nazzjonali tat-tip, jew
- jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, l-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta’ tratturi, għal raġunijiet li għandhom x’jaqsmu ma’ strumenti ta’ l-ibrekjar, jekk it-tratturi jikkonformaw mal-ħtiġijiet tad-Direttiva 76/432/KEE kif emendata b’din id-Direttiva.

2. B'effett mill-1 ta' Marzu 1998 l-Istati Membri:

- ma għandhomx jagħtu aktar approvazzjoni tat-tip tal-KE jew joħorġu d-dokument msemmi fl-aħħar inċiż ta' l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 74/150/KEE, u
- jistgħu jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni nazzjonali tat-tip

għal tip ta' trattur minħabba raġunijiet relatati ma' strumenti ta' l-ibrekjar, jekk il-ħtiġijiet tad-Direttiva 76/432/KEE kif emendata b'din id-Direttiva ma jkunux ġew imħarsa.

ANNESS VII

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Direttiva 76/432/KEE	Direttiva 96/63/KE	Din id-Direttiva
Artikolu 1	-	Artikolu 1
Artikolu 2	-	-
-	Artikolu 2(1), il-kliem introduttiv	Artikolu 2(1), il-kliem introduttiv
-	Artikolu 2(1), l-ewwel inċiż	Artikolu 2(1)(a)
-	Artikolu 2(1), it-tieni inċiż	Artikolu 2(1)(b)
-	Artikolu 2(1), it-tieni inċiż, il-kliem tal-aħħar	Artikolu 2(1), il-kliem introduttiv
-	Artikolu 2(2), il-kliem introduttiv	Artikolu 2(2)
-	Artikolu 2(2), l-ewwel inċiż	-
	Artikolu 2(2), it-tieni inċiż	Artikolu 2(2)
	Artikolu 2(2), il-kliem tal-aħħar	Artikolu 2(2)
Artikolu 3	-	Artikolu 3
Artikolu 4	-	Artikolu 4
Artikolu 5		Artikolu 5
Artikolu 6(1)	-	-
Article 6(2)	-	Artikolu 6
-	-	Artikolu 7
-	-	Artikolu 8
Artikolu 7	-	Artikolu 9
Annessi I sa V	-	Annessi I sa V

-	-	Anness VI
-	-	Anness VII
